**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 5 ta' Frar 2018**

**Talba Nru: 244/17 CZ**

**FM Core Condominium Administration Limited (C68910)**

**vs.**

**Simon Spiteri**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fil-11 ta' Mejju 2017 li permezz taghha s-scocjeta' attrici talbet lit-Tribunal:

1. Jiddikjara illi l-intimat huwa debitur tar-rikorrenti fis-somma ta' elf, seba' mija u sittax-il Euro (€1,716) rapprezentanti kontribuzzjonijiet annwali tal-partijiet komuni tal-kumpless Upper Valley Mansions, ghas-snin 2015, 2016 u 2017.

2. Jordna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici dik is-somma hekk likwidata.

Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra legali datata 5 ta’ Jannar 2017, kontra l-intimat, li huwa minn issa stess ingunt ghas-subizzjoni tieghu.

It-Tribunal;

Ra l-atti;

Ra illi l- konvenut debitament notifikat ma wegibx.

Ra n-nota ta’ cessjoni tas-sorte, fejn izda nzammet ferma l-pretensjoni tas-socjeta’ attrici ghall-ispejjez.

Ra x-xiehda ta’ Natasha Zammit, rapprezentant tas-socjeta’ attrici, li xehdet dwar il-fatt li s-socjeta’ attrici kienet gharrfet lill-konvenut dwar l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri, u dan baqa’ ma hallasx. L-istess xhud prezentat anke kopja ta’ korrispondenza li ntbaghtet lill-kovenut sabiex ihallas.

Ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

**Ikkunsidra:**

Illi din hija kawza fejn is-socjeta’ attrici qed titlob lill-konvenut ihallas ghall-kontribuzzjonijiet annwali ta’ l-2015, 2016, u 2017.

Illi perezz li l-kawza giet ceduta in kwantu ghas-sorte, it-Tribunal ser jiddeciedi biss fuq l-ispejjez. Il-konvenut la kkontesta l-kawza fil-mertu u lanqas b'mod iehor. It-Tribunal irrizultalu illi l-konvenut gie mgharraf dwar x'inhuma l-ispejjez involuti, izda ghazel li jinjora dan it-taghrif. M'hemm l-ebda raguni fic-cirkostanzi ghaliex ghandha tkun is-socjeta' attrici li thallas dawn l-ispejjez, u dan wara li kellha tiftah kawza biex il-konvenut ihallas sehmu ghaz-zamma tal-parti komuni tal-blokk ta' appartamenti ghal tliet snin shah.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni tat-talbiet fil-mertu, jilqa' izda t-talba tas-socjeta' attrici dwar l-ispejjez, u jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ispejjez kif mitluba.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur